# Karta numru **3**

## 1. Il-Mamma u l-Għerq: *ikteb verb xieraq li ġej mill-għerq mogħti fil-brakits.*



1. Il-bniedem jista' (b-d-l) __________________ l-ambjent ta' madwaru għall-aħjar, inkella, jekk ma joqgħodx attent, għall-agħar.
2. Il-popolazzjoni dejjem (k-b-r) _________________ u allura jkun hemm bżonn iktar djar, postijiet tax-xogħol u tar-rikreazzjoni.
3. Il-karozzi fit-toroq qegħdin dejjem jiżdiedu; minbarra li sar diffiċli ħafna (q-s-m) ____________________ triq, it-tniġġis mill-karozzi qiegħed dejjem iżid il-perikli għal saħħitna.
4. Bosta mill-ilma tax-xita jispiċċa fil-baħar u dan l-ilma (k-x-k-r) ___________________________ miegħu bosta ħmieġ għal ġol-baħar.
5. Inutli noqogħdu (g-r-g-r) _______________ u ma nagħmlu xejn; jeħtieġ nagħtu kas l-ambjent.
6. Bil-gassijiet li qed nitfgħu fl-arja, il-klima tad-dinja donnha (g-r-f-x) ______________________ u bosta pajjiżi qed ibatu minn għargħar, trombi tal-arja, ċikluni u gwaj ieħor.
7. Il-bniedem (q-r-d) ________________________ bosta *habitats*; allura, llum m'għadniex insibu pjanti, siġar u annimali li jsebbħu l-ambjent ta' madwarna daqs qabel.
8. Il-metodi ta' transport illum (b-d-l) ___________________ ħafna u m'għadhomx metodi nodfa bħal ta' dari.

## 2. L-Imperattiv (il-Kmand).

*Nissel l-Imperattiv mill-għerq tal-brakits; f'xi każi l-imperattiv jeħtieġ ikun fin-negattiv.*

1. (ħ-s-l) _______________________ il-ħaxix sew qabel tieklu.
2. (f-t-ħ) _______________________ it-twieqi spiss biex tibdel l-arja tad-dar.
3. (q-s-m) _____________________ it-toroq bil-galbu u bl-attenzjoni.
4. (x-r-b) _______________________ ħafna ilma; aħjar l-ilma minn xorb ieħor li ma jagħmilx tajjeb għal saħħitna.
5. (f-r-ħ) ___________________ bil-ġid ta' xulxin u qatt tgħiru wieħed għall-ieħor.
6. (s-l-f) ____________________ affarijiet lil min ma tafux għax tibqa' b'xiber imnieħer.
7. (ż-f-n) ____________________ u ħudu gost meta tkunu f'xi festin mal-ħbieb.


© tony pace uffiċjal edukattiv